22002D0109

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 109/2002

tat-12 ta' Lulju 2002

li jemenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ta' l-Arja Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li tbiddel il-Ftehim ta' l-Arja Ekonomika Ewropea, min hawn il-quddiem riferut bħala "L-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-anness I XXI ta' dan il-Ftehim kien emendat bid-deċiżjoni taż-ŻEE tal-Kumitat Konġunt Nru 92/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1]).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2002 tad-19 ta' Diċembru 2001 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tal-Klassifikazzjoni statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità ([2]) għandu jkun inkorporat f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-anness I XXI ta' dan il-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiz li ġej għandu jkun miżjud f'punt 20 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90):

"– **32002 R 0029**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2002 of 19 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2002, p. 3.)".

2. F'Punt 2 ta' l-adattament Settorjali l-kliem "kif emendat sussegwentament" għandu jkun mdaħħal wara l-kliem "Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 ta' Ottubru 1990 fuq il-klassifika statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea,".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 29/2002 fil-lingwi Norveġiżi u ta' l-Islanda, li għandu jkun ippublikat fis-supplement ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Lulju 2002, provdut li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim kien magħmul mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, tat-3.10.2002, p. 67.
([2]) ĠU L 6, ta' l-10.1.2002, p. 3.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hi indikata.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-sezzjoni ŻEE ta', fis-suppliment ŻEE tal-*Ġurnali Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

G. S. GUNNARSSON